MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 2/1997/1

**Mary Grace Farrugia**

**vs**

**Stephen u Leanne konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Dicembru, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra c-citazzjoni ta' l-atturi:

Premess li b'rikors fl-ismijiet Stephen u Leanne konjugi Farrugia vs Mary Grace armla ta' Joseph Farrugia (Rikors Numru: 103B/96) il-konvenuti talbu r-ripreza tal-fond

numru 1, Triq Ross, Paceville fuq il-pretest ta' bdil ta' destinazzjoni;

Premess li b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-9 ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet Stephen u Leanne konjugi Farrugia vs Mary Grace armla ta' Joseph Farrugia (Rikors Nru: 103B/96) il-Bord iddecieda l-kawza billi laqa' t-talba tal-konvenuti li jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi u pprefigga terminu ta' xahrejn biex l-attrici tizgombra mill-fond precitat;

Premess illi ghalkemm fl-atti processwali jirrizulta li l-attrici rceviet ir-rikors bid-data tas-smiegh, l-attrici ma kenitx f'posizzjoni li tevalwa u tifhem il-kontenut ta' l-istess minhabba kondizzjoni ta' sahha mentali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u di fatti lanqas biss tiftakar li rceviet ir-rikors promotur;

Premess illi l-attrici saret taf biss bis-sentenza precitata u bl-effett ta' l-istess wara li familjari taghha fl-ewwel gimgha ta' Jannar, 1997 gharrfuha li nhareg mandat ta' zgumbrament kontra taghha (Numru 34/96) fl-ismijiet Stephen Farrugia et vs Mary Grace Farrugia;

Premess ukoll li bis-sentenza fuq imsemmija gie moghti izjed minn dak li ntalab kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi ghalhekk l-attrici qeghda ghat-tenur ta' l-Artikolu 811 (b),(c), u (g) titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan il-Bord m'ghandux:

1. Prevja r-revoka u thassir tas-sentenza moghtija minn dan il-Bord fid-9 ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet Stephen Farrugia et –vs- Mary Grace Farrugia ghat-tenur ta' l-Artikoli 811 (b), u (c) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda taghha.

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 13).

1. Illi preliminarjament il-bazi li fuqu l-attrici tista' titlob ritrattazzjoni hija regolata mill-artikolu 42 tal-Kapitolu 69, u mhux l-artikolu indikat minnu, ghalhekk it-talba ghar-ritrattazzjoni ma tregix, u hija nulla, irrita, u inammissibbli u ghandha tigi respinta;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din it-talba ghar-ritrattazzjoni kif formulata, minhabba l-bazi li fuq qieghed jintalab l-istess ritrattazzjoni hija nulla, irrita u inammissibbli;
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attrici trid tiddeciedi fuq liema bazi qeghda titlob din ir-ritrattazzjoni, hekk huwiex abbazi tal-artikolu 811 (b) jew abbazi 811 (c), ghaliex it-talba taghha ma treggiex fuq iz-zewg sub-artikoli ghaliex dawn huma kontradittorji ta' xulxin;
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghaliex m'hiex ghajn azzjoni gudizzjarja ohra tentata u manovrata minn hut il-konvenut Stephen Farrugia sabiex hu ma jirriprendiex il-fond, li llum huwa tieghu, minghajr ma jaghti xi forma ta' kumpens lilhom, u mhux ghaliex jezistu fil-ligi l-bazi ghar-ritrattazzjoni kif previst taht l-artikolu 811 tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili.

Salv Eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti kollha u l-atti.

Ra ukoll l-atti shah tar-Rikorsi numru 124/95, 103/96 quddiem il-Bord, l-kawza 851/93 quddiem il-Prim'Awla u r-rikors 242/97 quddiem is-Sekond'Awla.

Ra n-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-2 ta’ Ottubru, 2002.

Ikkunsidra:-

1. Il-Bord kif presedut beda jiehu konjizzjoni ta’ dawn il-proceduri mis-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2000.

2. Din hi procedura ta’ thassir ta’ sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fid-9 ta’ Ottubru, 1996 fl-ismijiet bil-maqlub u smiegh mill-gdid taghha.

3. Billi l-intimata debitament notifikata naqset li tidher biex tikkontesta t-talba tar-rikorrenti u wara li l-Bord sema’ lir-rikorrent bil-gurament it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u ghar-ragunijiet esposti fir-rikors jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 1, Ross Street, Paceville u ghall-fini tal-izgumbrament mill-intimata jipprefiggi terminu ta’ xahrejn mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

4. B’sentenza tal-31 ta’ Mejju, 2000 (fol. 72-77) il-Bord cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti wara li l-attrici rrinunzjat ghat-talba ta’ ritrattazzjoni kull fejn din m’hiex ibbazata fuq l-imsemmi artikolu 811 (b) li japplika ghall-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta’ l-artikolu 812 tal-Kap. 12.

5. Hemm lok ghar-ritrattazzjoni “jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza”.

6. Skond l-artikolu 187 (1) ta’ l-istess kapitolu

“In-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-

dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Izda, l-kopja ma tistax tithallas f'idejn persuni ta' eta` anqas minn erbatax-il sena, jew persuna li minhabba mard tal-mohh, ma tistax taghti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaci li taghti dik ix-xhieda, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tigi ttrattata bhala irregolari, ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata … …".

7. Il-partijiet jaqblu li l-attrici kienet irceviet ir-rikors 103B/96. Minn naha attrici jinghad li hi "ma kinitx f'posizzjoni li tevalwa u tifhem il-kontenut … … minhabba kondizzjoni ta' sahha mentali … … u di fatti lanqas tiftakar li rceviet ir-rikors promotur". L-intimati jghidu li s-sahha mentali hija hlieqa mahluqa minn hut il-konvenut Stephen Micallef "u mhux ghaliex tezisti fil-ligi l-kazi tar-ritrattazzjoni kif previst taht l-artikolu 811 … …".

8. Il-Bord permezz tar-Registratur tal-Qrati ra l-atti kollha tar-rikorsi 103B/96 u 124B/95. F'dawn iz-zewg rikorsi l-konvenuti ta' llum talbu l-izgumbrament ta' l-attrici mill-fond 1, Triq Ross, Paceville, minhabba non uso, abbandun u hsara strutturali.

9. L-ewwel rikors imsemmi (dak li dwaru huma dawn il-proceduri) gie pprezentat fit-<u>28 ta' Gunju, 1996</u> notifikat lill-attrici fis-<u>6 ta' Lulju, 1996</u>, fil-fond "Mimrose House, 31, Triq 7, Vidal, Tal-Ibragg. 'A tenur' tal-art 30 tal-Kap 69 ir-rikors gie deciz fid-<u>9 ta' Ottubru, 1996</u> wara li l-Bord sema' x-xhieda ta' Stephen Farrugia

10. It-tieni rikors imsemmi gie prezentat fil-31 ta' Awissu, 1995, notifikat lill-attrici fl-istess indirizz tar-rikors l-iehor, Mimrose House, 31, Triq 7, Vidal, Tal-Ibragg fis-6 ta' Settembru, 1995. Dan ir-rikors gie cedut mir-rikorrenti (llum konvenuti) "sabiex jirregolaw ruhhom" fid-9 ta' Mejju,

1996. Kienet pendenti sentenza preliminari dwar eccezzjoni ta' nullita` ghax fir-rikors ma hiex "isemma" meta jaghlaq il-kiri li jkun miexi".

11. Il-konvenut ta' llum fis-16 ta' Lulju, 1993 ipprezenta rikors (fol 19-21) quddiem l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex ommu tigi interdetta u jigi mahtur kuratur "biex jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-beni taghha" (fol 19). Gie mahtur il-psikjatra Dottor Peter Muscat biex jirrelata u wara li zamm seduta f'Monte Carmeli fil-11 ta' Gunju, 1994 wasal ghal konkluzjoni li

"fil-prezent Mary Grace Farrugia hija fi stat mentali normali u taht l-ebda kura. Hija tinsab kapaci biex taqdi d-dmirijiet civili u testonentarsi taghha" (fol 33-38).

(ara ukoll xhieda ta' l-attrici moghtija fil-11 ta' Gunju, 1994 a fol 37).

12. Fis-6 ta' Ottubru, 1993 l-attrici, Mary Grace Caruana pprezentat rikors quddiem l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili fejn talbet li l-Qorti "tinjora r-rikors maghmul minn binha" ghax inter alia

"huwa assolutament inweritier dak allegat minn Stephen Farrugia li l-esponenti ma hijiex f'posizzjoni li tamministra l-beni taghha. Tant l-esponenti hija mentalment sana li kif jirrizulta mill-paragrafu precedenti hija talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (fol 22-25).

13. Fit-3 ta' Frar, 1997 l-ulied l-ohra ta' l-attrici ressqu quddiem l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili rikors iehor sabiex ommhom tigi interdetta u jigi mahtur kuratur. Dan ir-rikors (numru 242) gie dezert fl-1 ta' Frar, 2001. Kien gie mressaq wara li inghatat is-sentenza li taghha qed jintalab it-thassir u wara li gew ipprezentati il-proceduri ta' llum.

14a. L-attrici esebit relazzjoni tal-Psikjatra Dottor Joseph Pisani (fol 199-206) li gie nominat "biex jezamina lil Mary Grace Farrugia … … u jirrelata dwar jekk it-talba ghall-interdizzjoni hiex gustifikata". Din ir-relazzjoni giet

prezentata fis-27 ta' Mejju, 1993. L-inkarigu inghata b'digriet tal-31 ta' Awissu, 1992. Ir-relazzjoni saret wara rikors maghmul minn Jennifer Farrugia, Richard Farrugia, u Mark Farrugia. Dan kien l-ewwel rikors li sar (qabel id-data tar-rikorsi l-ohra) ghalkemm ma jirrizultax meta sar. Ir-rikors hu mitluf. Fotokopja tar-relazzjoni giet prezentata mill-attrici f'dawn il-proceduri. Fl-ahhar folja tar-relazzjoni hemm miktub bil-linka (mhux fotokopja)

"Illum 23 ta' Mejju, 2001 deher quddiemi Dr. Joseph Pisani u halef li qeda fedelment u onestament l-inkarigu lilu moghti".

b. Ir-relazzjoni prezentata fis-27 ta' Mejju, 1993 giet mahlufa tmien snin (8) wara. Dan ifisser li l-ahwa Farrugia, Jennifer, Richard u Mark, hallew kollox ghaddej u regghu ftakru fir-rikors snin wara. Ir-rapport inhalef jum qabel ma gie pprezentat quddiem il-Bord. Il-Bord jaghmilha cara li ma hu qed jaghti l-ebda htija lill-espert.

c. L-ewwel certifikat sa mill-Psikjatra Dr. George Debono wara li ntalab minn Jennifer Farrugia biex izur lil ommha (Dok A a fol 155-156 bid-data tas-6 ta' Dicembru, 1991).

Ir-rapport ta' l-espert Dottor Pisani:

"Ghaldaqstant is-sottoskritt huwa ta' l-opinjoni illi l-konvenuta (sic), fil-prezent, ghalkemm ghandha l-kapacita` ghal dik li hija mera amministrazzjoni semplici ta' hwejjigha per ezempju ssarraf xi 'cheque'; jew tixtri xi haga minn hanut, m'ghandhiex il-kapacita` mentali li taghmel affarijiet tal-hajja civili ta' certa importanza, ghar-raguni li l-konvenuta ghandha volonta` vizzjata (?), li jirrendiha facilment suggestjabbli u ghalhekk suxxettibbli ghall-monipulazzjoni".

15a. Barra l-proceduri quddiem is-Sekond'Awla kien hemm proceduri ohra, imsemmija mill-partijiet f'dan ir-rikors. Jidher li l-inkwiet beda meta l-konvenut Stephen Farrugia xtara l-post in kwistjoni (c. 1989). Fosthom giet imressqa kawza quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti

Civili (Citaz. Nru. 851/93 AJM) fid-19 ta' Lulju 1993 fejn Mary Grace u uliedha Richard u Mark ahwa Farrugia, talbu inter alia konferma ta' mandat ta' inibizzjoni. Il-konvenuti ta' llum, konvenuti ukoll fil-procedura l-ohra, eccepew preliminarjament illi:-

"… … Mary Grace Farrugia mhiex f'posizzjoni illi tagixxi f'azzjoni civili minhabba l-istat ta' sahha li tinsab fih u li hekk ic-citazzjoni hija irregolari u l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gjudizzju".

b. In-nota ta' eccezzjonijiet giet prezentata fis-27 ta' Awissu, 1993 u giet imressqa lura fis-26 ta' Ottubru, 1994 (fol 15):

"Meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet u Dr. Frank Cassar ghall-attrici u Dr. Peter Fenech li ddikjara li qed jassocja ruhu fil-patrocinju tal-konvenuti u ddikjara illi in vista tar-rapport ta' espert psikjatra fil-proceduri tas-Sekond'Awla qieghed jirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni".

c. Din hi referenza ghar-rapport ta' Dottor Peter Muscat fir-rikors li ghamel il-konvenut Stephen Farrugia ghall-interdizzjoni ta' ommu (ara para. 11 ta' din is-sentenza). Il-kawza giet ceduta fl-24 ta' Marzu, 1999 wara sentenza in parte moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

16a. Dottor Joseph Saliba prodott mill-attrici xehed li din iddahhlet Monte Carmeli fejn damet mill-1 ta' Mejju, 1992 sal-20 ta' Gunju, 1992 (fol 160). Aktarx il-psikjatra Pisani ra lill-attrici f'dan il-perijodu (qabel id-dati) izda giet 'il quddiem sewwa. Mistoqsi mill-Bord dwar l-istat mentali taghha bejn l-1993-1999:

Mistoqsija: "Jekk f''dan l-istat mentali li qed issemmi inti, jekk bniedem jircievi karta, ittra minghand xi hadd, jifhem x'fiha".

Twegiba:- "Fil-perijodu li kienet l-isptar, l-istat mentali taghha specjalment fil-bidu kien hazin li forsi setghet ma tifhimx, pero` fl-istadju li kienet tattendi l-outpatients

m'ghandhiex ghax nahseb li ma seghetx tifhem. Pero` rrid inkun car ukoll li ma kienx qed isirilha ezami b'dak l-iskop. Kienet qed tghix hajja indipendenti ma qrabatha".

b. Xehed ukoll fuq notamenti tieghu ghal Gunju, 1995

"F'dan l-istadju kienet ghaddejja minn zmien hazin, illi n-noti li ghandi hawn hekk huma li kienet 'withdrawn', 'self preoccupied'; dak iz-zmien kienet qed thewden maghha nnifisha u 'cognatively' kienet orjentata, pero` ma kinitx cara ghal kollox fil-hsibijiet taghha".

c. Mistoqsija: Jigifieri f'dan iz-zmien kien joholqilha problemi jekk tircievi xi karta?

Twegiba: Seta', nirrepeti, ma kontx qed naraha b'dak l-iskop, pjuttost kont qed naraha bl-iskop biex nara jekk ghandhiex bzonn tigi investigata u jirrizulta hawnhekk nahseb li probabbli giet ratni x'imkien privat … …

d. Dwar ezami li ghamel f'Ottubru, 1995

"She is doing very well, mentally stable, id-deluzzjonijiet li kellha, dak it-thewdin li kellha, kienu waqfu" (fol 163).

e. Sa l-1997 "il-konvenuti ghadhom kollha pozittivi (fol 163).

17. L-attrici giet notifikata bir-rikors 103B/96 fis-6 ta' Lulju, 1996 wara li gie prezentat fit-28 ta' Gunju, 1996. Mix-xhieda ta' Dottor Saliba jirrizulta li minn Ottubru, 1995, l-attrici kienet fi stat tajjeb u setghet tifhem u kienet qed tghix hajja indipendenti ma' xi uhud minn uliedha. Il-Bord qed jistrieh fuq ix-xhieda ta' psikjatrici, esperti fil-qasma taghhom, m'ghandhom l-ebda interess fl-ezitu ta' din il-kawza u li hadu hsieb l-attrici fi zminijiet differenti.

18. Il-Bord ma jifhimx kif ma tqajmitx eccezzjoni dwar l-istat mentali ta' Farrugia meta sar ir-rikors 124B/95 fil-31 ta' Awissu, 1995, notifikat fis-6 ta' Settembru, 1995 f'perijodu qrib hafna ta' meta ma kinitx fi stat tajjeb skond

ix-xhieda ta’ Dottor Saliba. Dwar dan ir-rikors bint l-attrici tghid (fol 152)

“Dan ir-rikors kienet ircevitu d-dar tieghi”

19. Fid-dikjarazzjoni mahlufa ta’ l-attrici jissemma’ li “dan l-ahhar ghamlet ghas-spejjez taghha manutenzjoni straordinarja fil-fond in kwistjoni kif jirrizulta mid-dokumenti hemm annessi (Dok B u C).

Id-dokument B fih id-data tas-7 ta’ Awissu 1996 (fol 7).

Id-dokument C juri hlas ghal xoghol li sar. Id-data tal-hlas hi 10 ta’ Lulju, 1996. Ir-rikors kontestat gie notifikat lilha erbat ijiem qabel 6 ta’ Lulju, 1996.

20. Il-proceduri ta’ llum bhal ta’ qabilhom saru minn Mary Grace Farrugia f’isimha stess. Wara li saret din ic-citazzjoni fil-15 ta’ Jannar, 1997 ulied ir-rikorrenti barra Stephen Farrugia ghamlu rikors ghall-interdizzjoni li gie dezert fl-1 ta’ Frar, 2001. Kien prezentat fit-3 ta’ Frar, 1997.

21. Din hi kawza dwar thassir ta’ sentenza u smiegh mill-gdid ta’ rikors. Ir-referenzi ghas-sentenzi “Mousu u Perconte” (Vol. LIB-1-320) u ‘Portanier vs Chetcuti et’ (Vol LIB-1-446) huma dwar ‘hardship’ u ‘alternative accomodation’ u ghalhekk bir-rispett kollu huma irrelevanti.

22. Mix-xhieda moghtija jirrizulta li f’xi zminijiet l-attrici ma kinitx tgawdi certu sahha mentali izda minn Ottubru, 1995 (ir-rikors gie notifikat fis-6 ta’ Lulju, 1996) sa llum giet wara kura fi stat tajjeb ta’ sahha. Il-premessa li fuqha hija msejsa din il-kawza:

“l-attrici ma kintix f’pozizzjoni li tevalwa u tifhem il-kontenut … … (u) saret taf bis-sentenza wara illi l-familjari taghha fl-ewwel gimgha ta’ Jannar gharfuha li nhareg mandat … …” ma gietx pruvata.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba ta' l-attrici. Bit-tama li l-partijiet jaslu ghall-ftehim ahhari wara snin ta' tilwim, l-ispejjez jibqghu bla taxxa."

Kontra din is-sentenza l-attrici ritrattandi tqanqal dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) L-istat ta' sahha taghha fl-epoka tal-kawza issa ritrattata ma kienx jippermettilha li tati kaz tan-notifika li saritilha u li tapprezza l-import tal-att li li bih giet notifikata;
(2) L-apprezzament tal-Bord ma kienx sufficjentement akkurat. Hi tissottometti illi l-fatt li uliedha ohra kienu qed jiehdu hsieb l-interessi taghha, l-fatt li dejjem iddefendiet kull procediment iehor, il-fatt li l-fond kien id-dar ta' abitazzjoni taghha u l-fatt li erogat spejjez biex timmiljora l-fond, dan kollu hu dimostrattiv ta' l-interess li tiddefendi ruhha mill-kawza propulsa fil-konfront taghha mill-konvenuti ritrattati.

Kif jirrizulta mill-atti, l-kontenzjoni tal-appellanti hi msejsa fuq il-premessa illi fid-data li fiha hi rceviet ir-rikors (Numru 103B/96), li bid-decizjoni tal-istess Bord li Jirregola l-Kera tad-9 ta' Ottubru 1996, wassal ghall-izgumbrament taghha mill-fond, hi ma kenitx f'qaghda li tifhem u tevalwa il-kontenut tal-istess minhabba l-kondizzjoni tas-sahha mentali taghha. Kien ghalhekk li hi talbet ir-ritrattazzjoni ta' dik l-istess kawza fl-ismijiet inversi a tenur tas-subincizi (b) u (c) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12, liema dipositivi huma ta' natura prettament procedurali.

Il-konduzzjoni tal-provi fil-prim'istanza segwa l-binarju tal-precitata premessa fir-ricerka tal-verita` u tal-precizazzjoni taghha. Hekk ukoll jidher li ghamel il-Bord bl-analizi minuzjuza tieghu ta' dawn l-istess provi. Il-fattispecie ta' dan il-kaz tirrizulta proprju mill-parti konsiderativa tas-sentenza appellata.

"Mix-xhieda moghtija jirrizulta li f'xi zmenijiet l-attrici ma kienetx tgawdi certu sahha mentali izda minn Ottubru 1995 (ir-rikors gie notifikat fis-6 ta' Lulju 1996) sa illum giet

wara kura fi stat tajjeb ta' sahha. Il-premessa li fuqha hi msejsa din il-kawza … ma gietx pruvata".

Kif sewwa jidher mill-aggravju interpost, kif ukoll mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, id-determinazzjoni tal-meritu tat-talba tal-appellanti, immirata biex tigi revokata s-sentenza tal-Bord, tiddependi mill-interpretazzjoni fattwali tal-provi u kif dawn jinkwadraw ruhhom fil-parametri tas-subincizi ta' l-Artikolu 811.

Is-subinciz (b) jippreskrivi bhala raguni l-kaz fejn "ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza".

Kif akkolt mid-decizjoni fuq l-istess materja hawn ritrattata fil-kawza fl-ismijiet "**Alessandro Delhin –vs- Antonio Darmanin et**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Novembru 1927 (**Vol XXVI pII p498**) "da tale disposizione (illum Art 187 tal-Kap 12) si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura di fa <u>direttamente</u> alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa <u>indirettamente</u>, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa e al servizio della persona medesima".

Fl-istess sens u tal-istess fehma d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Scerri –vs- Emmanuele Portelli et**", 18 ta' Frar 1974.

Ma huwiex kontestat illi l-appellanti giet debitament notifikata bir-rikors promotur numru 103B/96. Kif lanqas ma tezisti ebda diskordja illi l-appellanti ma kenitx dehret waqt is-smigh ta' din il-kawza. Il-veru kuntrast f'dan il-kaz jemergi minn allegazzjoni da parte tal-appellanti illi meta saritilha n-notifika din ma kenitx wahda regolari. Dan fuq l-assunt tal-istat tas-sahha mentali taghha.

Issa l-proviso ghall-Artikolu 187 (1), Kap 12, jiddetta illi "l-kopja ma tistax tithalla … … f'idejn persuna, li, minhabba mard tal-mohh, ma tistax taghti xiehda ta' dik in-notifika." Il-ligi, imbaghad, tohloq il-presunzjoni illi persuna titqies li hi kapaci li taghti dik ix-xhieda sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, u n-notifika ma tistax tigi attakkata bhala irregolari, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata".

Kontra l-pretensjoni attrici l-provi processwali ma wasslux biex isostnu illi l-appellanti fil-mument tan-notifika kienet persuna nkapaci li tircievi l-att.  Almenu din l-inkapacita` ma gietx pozitivament konstatata minn fatti precizi u univoci fil-mument prossimu tar-ricezzjoni tal-att. F'kazijiet bhal dawn il-Qorti ma tistax tistrieh fuq semplici deduzzjonijiet jew kongetturi meta ma gie xejn sostnut jew pruvat.  Jew ghallanqas ma ngiebux indizji serji bizejjed tal-kondizzjoni mentali tal-appellanti fiz-zmien partikolari li jista' b'xi mod jinghad li l-motiv jew motivi minnha adotti huma testimonjanza ta' menti debboli, ta' intelligenza skarsa jew ta' idejat dizordinati jew strambi. Konsegwentement l-aggravju in kwantu bazat fuq is-subinciz (b) ma jistax jigi akkolt.

Hekk ukoll, u ghall-istess konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssibx raguni biex issostni l-aggravju postulat taht is-subinciz (c) ta' l-Artikolu 811.  Kontemplata bhala raguni taht dan is-subinciz hu l-kaz  fejn "wahda mill-partijiet ma tkunx persuna legittima, kemm il-darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita`".

L-Artikolu  780 jipprovdi illi "l-eccezzjoni dwar l-illegittimita` ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tinghata, meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skond il-ligi biex joqghod f'kawza, inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interess ta' haddiehor, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi ghaldaqshekk".

L-Artikolu 781, imbaghad, jiddefinixxi min m'huwiex kapaci biex joqghod f'kawza bhala attur jew bhala konvenut. Inter alia, "l-persuni furjuzi jew mohhom marid u kull

persuna ohra li ma jkolliex l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawza, hlief il-persuna ta' dak li skond il-ligi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni jew ta' kuratur 'ad litem'" (subparagrafu (b).

Huwa pacifiku illi "l-eccezzjoni ta' illegittimita` tal-persuna hija ta' natura perentorja u ghalhekk tista' tigi moghtija f'kwalunkwe stadju tal-kawza" (**Vol XXXIV pI p321**). Konsegwentement, kif issokta jigi rilevat, "essa e` di tale natura di rendere nulli tutti gli atti giudiziari … … puo` essere data in seconda istanza e sara attesa, quantunque la sentenza di prima istanza sia sostanzialmente giusta e da` adito alla ritrattazione" (**Vol XXI pI p388**).

Minn dak fuq gja dimostrat, ma jirrizultax sostenut illi l-appellanti tista' titqies persuna nkapaci skond il-vot tal-ligi. Dan hu addizjonalment evidenzjat minn dawn l-osservazzjonijiet:

(a) Kienet l-istess appellanti li f'isimha ntentat l-odjerna procedura. Dan wahdu ghandu jibbasta bhala demostrazzjoni tal-istat mentali normali taghha.
(b) Senjatament Dr. Peter Muscat, ikkonferma bir-relazzjoni tieghu quddiem is-Sekond'Awla illi l-appellanti kienet persuna kapaci biex taqdi d-dmirijiet civili taghha. Dan hu konfermat minn Dottor Joseph Saliba li ezaminha f'Ottubru 1995.
(c) Kull tentattiv da parti ta' uliedha biex l-appellanti tigi nterdetta ma kellux ezistu favorevoli jew ma giex prosegwit.

Konsiderati l-provi fl-aspetti generali taghhom, din il-Qorti, bhal Bord qabilha, hi sodisfatta illi l-appellanti kienet persuna mentalment u guridikament kapaci biex tircievi atti jew toqghod f'gudizzju u allura n-notifika li saritilha kienet wahda regolari u valida. Ghaldaqstant in kwantu bazata fuq is-subincizi (b) u (c) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12, it-talba ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fid-9 ta' Ottubru 1996 hi destinata li tfalli.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi respint u d-decizjoni appellata konfermata.  Konformement mal-hsieb tal-Bord l-ispejjez anke ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------